

## IL-QORTI ĠENERALI

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-7 ta' Marzu 2017 – United Parcel Service vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-194/13) <sup>(1)</sup>

**[“Kompetizzjoni — Konċentrazzjonijiet — Regolament (KE) Nru 139/2004 — Servizzi internazzjonali ta' distribuzzjoni espressa ta' pakketti żgħar fiż-ŻEE — Akkwist ta' TNT Espressa minn UPS — Deċiżjoni li tiddikjara l-konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern — Effetti probabbli fuq il-prezz — Analiżi ekonometriku — Drittijiet tad-difiża”]**

(2017/C 121/28)

Lingwa tal-kawża: l-Ingliż

### Partijiet

Rikorrenti: United Parcel Service, Inc. (Atlanta, Géorgie, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: inizjalment A. Ryan, B. Graham, solicitors, W. Knibbeler u P. Stamou, avukati, sussegwentement minn A. Ryan, W. Knibbeler, P. Stamou, A. Pliego Selie, F. Hoseinian u P. van den Berg, avukati)

Konvenut: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: inizjalment T. Christoforou, N. Khan, A. Biolan, N. von Lingen u H. Leupold, sussegwentement minn T. Christoforou, N. Khan, A. Biolan u H. Leupold, aġenti)

Parti intervenjenti insostenn tal-parti konvenuta: FedEx Corp. (Memphis, Tennessee, l-Istati Uniti) (rappreżentanti: inizjalment F. Carlin, barrister, G. Bushell, solicitor, u Q. Azau, avukat, sussegwentement F. Carlin, G. Bushell u N. Niejahr, avukat)

### Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 431, tat-30 ta' Jannar 2013, li tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/M.6570 – UPS/TNT Express).

### Dispożittiv

- 1) *Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2013) 431, tat-30 ta' Jannar 2013, li tiddikjara konċentrazzjoni inkompatibbli mas-suq intern u mal-funzjonament tal-ftehim taż-ŻEE (Każ COMP/M.6570 – UPS/TNT Express), hija annullata.*
- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata kemm għall-ispejjeż tagħha kif ukoll għal dawk ta' United Parcel Servizz, Inc.*
- 3) *FedEx Corp. għandha tbat i-ispejjeż proprji tagħha.*

<sup>(1)</sup> ĠU C 147, 25.5.2013.

Sentenza tal-Qorti Ġenerali tal-1 ta' Marzu 2017 – Franza vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-366/13) <sup>(1)</sup>

**[“Għajjnuna mill-Istat — Kabotaġġ marittimu — Għajjnuna implementata minn Franza favur Société nationale maritime Corse Méditerranée (SNCM) u Compagnie méridionale de navigation — Servizz ta' importanza ekonomika ġenerali — Kumpens għal servizz komplimentari għas-servizz bażiku intiż sabiex ikopri l-iktar perijodi impenjattivi matul l-istaġun turistikku — Deċiżjoni li tiddikjara l-għajjnuna inkompatibbli mas-suq intern — Kunċett ta' għajjnuna mill-Istat — Vantaġġ — Sentenza Altmark”]**

(2017/C 121/29)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

### Partijiet

Rikorrenti: Ir-Repubblika Franċiża (rappreżentanti: inizjalment E. Belliard, G. de Bergues, D. Colas u N. Rouam, sussegwentement G. de Bergues, D. Colas, F. Alabrune u J. Bousin, u finalment D. Colas, F. Alabrune u J. Bousin, aġenti)